# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R. HIST. S.**
**ONOR. FRANCO DEPASQUALE B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 14 ta' Jannar, 2002**

**Numru  1**

**Citaz.  numru:  1271/97**

**Mary Agius**

**vs**

**Joseph Agius**

**Il-Qorti,**

**Id-Digriet Appellat**

Fis-16 ta' Frar 2001 il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ppronunzjat is-segwenti digriet f'kawza ta' separazzjoni fir-rigward tal-kura u kustodja tat-tfal minuri tal-kontendenti.

Ir-rikors li pprovoka dan id-digriet li sejjer jinghata llum u li gie pprezentat fil-5 ta' Gunju 1997 gie pprezentat fl-atti tal-kawza ta' separazzjoni bejn l-istess partijiet. Dan ir-rikors jittratta l-kura u kustodja ta' tlett itfal minuri ta' din il-koppja w it-talba hija wkoll wahda mit-talbiet li trid tigi nvestigata mill-Qorti fis-sentenza fil-kawza ta' separazzjoni li ghandha tinghata mill-istess Qorti.

Il-Qorti pero' dehrilha illi kellha fl-ewwel lok tiddetermina l-materja sollevata fir-rikors odjern peress illi l-proceduri f'dan ir-rikors wasslu biex sar ezami ricerkat u elaborat ta' din il-materja li ghandu jservi ghas-soluzzjoni wkoll tat-talba dwar il-minuri fil-kawza proprja.

Preliminarjament ukoll din il-Qorti ma tistax ma tikkummentax li dan ir-rikors dam aktar minn tlett snin biex jigi degretat mhux biss in vista ta' l-istudju approfondit li sar fil-meritu tieghu izda wkoll in vista tad-diversi sottomissjonijiet ta' natura principalment procedurali li saru mid-difensuri tal-partijiet tul l-andament tal-proceduri odjerni li rrikjedew l-intervent tal-Qorti f'diversi digrieti ta' certa komplessita' legali li ghal xi whud minnhom issir ukoll riferenza f'dan id-digriet.

Fir-rikors odjern l-attrici titlob il-kura u kustodja tal-minuri li kienu ntbaghtu go Istitut b'digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili. Fir-risposta ghal dan ir-rikors ipprezentat fis-27 ta' Gunju 1997 il-konvenut jopponi ghal din it-talba. Skond huwa l-ahjar interess tat-tfal huwa li jibqghu fl-Istitut principalment minhabba n-nuqqas ta' *parenting skills* li ghandha l-attrici. Id-decizjoni tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili, jsostni hu, kienet wahda li timmerita konferma.

> *“Illi martu ghat-tielet darba regghet ipprezentat rikors sabiex tinghata l-kura u kustodja tat-tfal minuri taghha;*
>
> *Illi din it-talba kienet diga’ darbtejn ohra michuda mill-Onorabbli Qorti tas-Sekond’Awla wara li studjat bir-reqqa l-kaz u anke semghet tlett persuni fosthom zewg social workers u tabib, mic-centru Hidma Socjali, dwar x’kien fl-ahjar interess tat-tfal li jsir.*”

Fis-seduta tat-2 ta' Settembru 1997 l-intimat tramite d-difensur tieghu qajjem il-kwistjoni tar-ritwalita' tal-proceduri odjerni. Dan il-punt gie deciz mill-Qorti b'digriet tat-2 ta' Jannar 1998 wara li kienet rat in-noti ta' sottomissjonijiet li kienu saru mill-partijiet rispettivi. Stante n-natura tal-kaz il-Qorti fis-seduti tad-9 ta' Ottubru u 22 ta' Dicembru 1997 semghet ix-xhieda ta' John Calleja u Catherine Bugeja mill-iskola li kienu jattendu t-tfal minuri, lit-Tabib Kuranti taghhom Dr. Jeoffrey Farrugia u lil Sister Luciana Mizzi mill-Istitut ta' l-Ursolini li kellhom il-kura tat-tfal u dan nonostante illi l-proceduri odjerni kienu qed jigu attakkati. Fl-istess seduta tat-2 ta' Jannar 1998 il-Qorti kienet innominat bhala espert lil Mariella Blackman biex tirrelata dwar il-kaz odjern.

Ir-rapport ta' l-istess espert gie mahluf fit-12 ta' Mejju 1998. B'rikors iehor tad-19 ta' Mejju 1998 pero' l-intimat talab l-isfilz ta' dan ir-rapport. Ghal dan ir-rikors ulterjuri saret ir-risposta fl-20 ta' Mejju 1998 u dan ir-rikors gie ttrattat fil-11 ta' Gunju 1998. B'digriet tat-28 ta' Awissu 1998 il-Qorti, ghar-ragunijiet hemm moghtija, cahdet it-talba ghall-isfilz. Fis-seduta tad-29 ta' Ottubru 1998, il-Qorti, wara li ddikjarat li n-nota li kienet saret mill-intimat ghan-nomina ta' periti addizzjonali kienet saret fit-terminu, semghet it-trattazzjoni dwar jekk kellhomx jigu nominati periti addizzjonali peress illi kien hemm l-oggezzjoni tar-rikorrenti. B'digriet iehor tal-20 ta' Novembru 1998 il-Qorti, ukoll ghar-ragunijiet hemm moghtija li whud minnhom jigu msemmija aktar tard f'dan id-digriet peress illi jimpingu wkoll fuq is-soluzzjoni finali ghal din il-vertenza, laqghet it-talba ghan-nomina ta' periti perizjuri u wara li semghet lill-partijiet innominat lil Dr. Michael Tanti Dougall, Michelin Sciberras u Ray Dimech ghal dan l-iskop, it-tnejn ta' l-ahhar issuggerieti mill-intimat u mir-rikorrenti rispettivament.

Ir-rapport gie finalment ipprezentat u mahluf fit-22 ta' Marzu 2000 u dan anke wara li gew decizi diversi punti sollevati mill-partijiet anke fir-rigward tax-xhieda li kellhom jinstemghu mill-istess periti. B'rikors tal-24 ta' April 2000 ir-rikorrenti talbet l-isfilz tar-rapport peritali addizzjonali. Din it-talba giet michuda mill-Qorti fis-16 ta' Mejju 2000 ghar-ragunijiet moghtija fl-istess digriet. Ir-rikors kien gie differit ghall-provvediment ghat-28 ta' Lulju 2000 bil-fakolta' moghtija lill-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet fir-rigward tar-rapport. Id-digriet pero'

ma inghatax ghax l-intimat talab l-isfilz tan-nota attrici (verbal fl-atti tal-kawza u mhux f'dawn l-atti). Din it-talba giet michuda w ir-rikors finalment gie mholli ghad-digriet liema digriet sejjer jinghata llum. Ghall-kompletezza processwali jinghad illi n-noti rispettivi tal-partijiet jinstabu fl-atti tal-kawza u mhux f'dan il-process. Dan pero' ma ghandu jkun ta' ebda xkiel la ghad-determinazzjoni ta' dan id-digriet u anqas tal-kawza proprja. Minkejja illi ghar-ragunijiet ta' urgenza dan ir-rikors gieli nstema' separatament mill-kawza l-atti tieghu jifformaw parti mill-atti tal-kawza fejn ghandu jigi nkorporat wara l-ghotja ta' dan id-digriet.

Ikkunsidrat:-

Illi l-periti addizzjonali ghamlu diversi intervisti mal-familjari tal-koppja apparti milli mal-partijiet stess, mat-tfal u ma' diversi persuni koncernati fl-izvilupp, trobbija u kura ta' l-istess minuri. Huwa interessanti li z-zewg esperti teknici, minkejja li hadmu flimkien ipprezentaw rapporti separati li pero' wassluhom ghall-istess konkluzzjonijiet.

Is-Social Worker Raymond Dimech jippostola l-problema b'dan il-mod:

> *"L-akbar diffikulta hija sabiex wiehed jipprova jizen jekk wiehed jew it-tnejn mill-genituri humiex idonei ossija kompetenti sabiex ikollhom il-kura ta' wliedhom fuq bazi ta' kuljum. Din id-diffikulta' giet accentwata l-aktar fir-rigward ta' Mary, minhabba illi Joseph irrinunzja l-kapacita' tieghu illi jista' jiehu hsieb it-tfal hu stess, u fejn dan talab illi jittrasferixxi u jiddelega din ir-responsabbilita' lill-familjari tieghu (li l-esponent jikkummenta dwar dan aktar 'il quddiem."*

Fir-rigward ta' Mary Agius ir-rikorrenti imbaghad jikkummenta:

> "*Jidher car mill-informazzjoni migjuba illi hemm disparita' bejn l-imhabba illi juru l-genituri lejn uliedhom, u l-kapacita' u l-abilta' taghhom sbiex irabbu t-tfal. Jidher illi l-akbar accenn sar fir-rigward ta' Mary illi minn naha wahda intqal illi hi thobb lit-tfal, per ezempju li tixtrilhom il-bzonnijiet bazici*

> *taghhom (minkejja diffikultajiet finanzjarji), filwaqt minn naha l-ohra ghandha nuqqas ta' "parental skills", nuqqas ta' bilanc emozzjonali, u li turi nuqqas ta' koperazzjoni mal-professjonisti li jistghu jghinuha titghallem travvi sew lill-uliedha."*

U aktar tard izid:

> "*Minn naha l-ohra, wiehed ma jistax jinjora l-fatt illi fir-realta' Mary verament tkun tixtieq l-ahjar ghal uliedha, izda m'ghandhiex il-kapacita' li tapprezza l-limitazzjonijiet taghha kif spjegat fuq.*"

Dawn il-konsiderazzjonijiet u konsiderazzjonijiet ohra msemmija fl-istess rapport wasslu lill-espert ghal certu konkluzzjonijiet u dan minkejja illi osserva: "*Illi l-ambjent tad-dar ta' Mary huwa wiehed nadif u mizmum tajjeb*" u li kien hemm spazju u kumdita' bizzejjed biex hija w it-tfal ighixu fl-istess dar. Fil-fehma tieghu pero' "*Mill-osservazzjonijiet ta' l-esponent jidher illi ghad fadal process shih xi jsir mal-genituri u mat-tfal qabel it-tfal ikunu jistghu jinghaqdu u forsi jghixu ma' xi hadd mill-genituri taghhom, sew gradwalment u sew individwalment, indipendentement jekk hux wiehed jew aktar.*" Kien allura wara li eskluda l-possibbiilta' ta' *fostering* li deherlu: "*Dawn il-fatturi ma jhallux ghazla ohra ghajr illi t-tfal jibqghu fl-Istitut ta' Angela House sakemm ikun possibbli ghalihom illi jirritornaw ghand xi hadd mill-genituri taghhom.*"

Michelin Sciberras ukoll teskludi l-*fostering* peress illi t-tfal ghadhom rabta sew mal-missieri sew ma' l-omm li "*jhobbu lill-uliedhom u jixtiequlhom hafna gid.*" Hija pero' wkoll kienet ta' l-opinjoni illi: "*Mill-andament ta' kif zviluppa l-ezercizzju jidher li Mary u Joseph m'ghandhomx li skills adekwat biex irabbu tlett itfal zghar.*" Di piu' kienet ukoll ta' l-opinjoni illi t-tfal kellhom f'dan l-istadju jibqghu jghixu go l-Istitut ghal zmien erba' snin fejn kellu jigi zviluppat "*care plan*" kif minnha ssuggerit.

Ikkunsidrat:-

Illi l-Qorti ezaminat bir-reqqa n-noti li saru mill-partijiet rispettivi fis-27 ta' Gunju u 6 ta' Settembru 2000 u hasbet fit-tul dwar din il-problema.  Fl-ewwel lok jidhrilha illi ma jkunx fl-interess ta' hadd, partikolarment tat-tfal minuri, li tikkummenta ulterjorment fuq il-mankanzi jew nuqqasijiet ta' natura procedurali li setghu ezistew fl-atti ta' dan il-process.  Lanqas ma jkun utili li tikkummenta fejn u safejn tista' tikkondividi l-opinjonijiet espressi mill-partijiet fin-noti rispettivi taghhom minkejja illi jidhrilha illi hafna minn dak minnhom sottomess huwa korrett mil-lat legali.

Dana pero' huwa kollu sekondarju hafna ghas-soluzzjoni ta' din il-vertenza li ghandha timmira biss biex tiddetermina dak li huwa fl-interess tal-minuri u <u>xejn aktar</u>.  “*When determining any question relating to a child's upbringng or the administration of his property or income, the child's welfare is the Court's paramount consideration.*" (Family Law - Second Edition - Carol Crowdy).

Ikkunsidrat:-

Illi partikolarment fl-isfond tal-hsibijiet socjali ezistenti llum tfal minuri ghandhom jitqieghdu go Istitut biss meta ma jkunx hemm persuna responsabbli li tiehu hsieb il-kura taghhom u dana fl-interess biss tat-tfal in kwistjoni.  Dan mhux ghaliex is-Sorijiet illi fil-maggior parti jiehdu hsieb dawn it-tfal ma humiex kapaci li jiehdu kura tal-bzonnijiet kollha taghhom anke mil-lat emottiv izda wkoll ghax minn dan il-lat huwa rikonoxxut illi l-izvilupp tat-tfal huwa ferm aktar salvagwardjat meta huma jitrabbew minn xi wiehed mill-genituri taghhom possibbilment b'access ampju ghall-genitur l-iehor meta, bhal fil-kaz prezenti, minhabba s-separazzjoni legali jew fattwali tal-genituri taghhom huma ma jkunux jistghu jittrabbew miz-zewg genituri.  L-Istituti pero' ghadhom jezistu u jkomplu, wiehed jispera, jezistu proprju biex jiehdu hsieb dawk it-tfal li ma ghandhomx l-opportunitajiet fuq imsemmija.  Il-Qorti taf personalment b'liema kura t-tfal jigu ttrattati f'dawn l-ambjenti li ma humiex xi forma ta' penitenzjoni korrettiva.

Il-Qorti ezaminat ix-xhieda mressqa mill-attrici, l-atti kollha quddiem is-Sekond'Awla w ir-rapporti ta' l-esperti li gew ipprezentati quddiemha.  Tfakkar lill-partijiet fil-

hsibijiet taghha li wassluha li tinnomina l-periti addizzjonali fid-digriet taghha fuq imsemmi tal-20 ta' Novembru 1998. “*Irid jinghad ukoll, fl-istess hin, li bhalissa dawn il-minuri ma jinsabux f’xi kantina mudlama w umida, bil-guh u traskurati. Jinstabu fil-kura tas-Sorijiet li ma ghandhomx bzonn elogji minn din il-Qorti dwar il-mod ta’ kif jiehdu hsieb dawk il-minuri moghtija fil-kustodja taghhom. Huwa veru li dan ma jissostitwiex u ma ghandux jissostitwixxi l-kura tal-parent (jew anke wiehed minnhom.) Hemm pero’ cirkostanzi fejn ir-riskju li ma jsirx ebda zball f’materja tant delikata huwa zgur ta’ ferm aktar importanza milli l-imghodija ta’ ftit xhur ohra. Dan il-kaz jinkwadra ruhu that dawn ic-cirkostanzi ghax minkejja r-rapport ta’ Dr. Mariella Blackman hemm id-decizjoni kuntrarja tas-Sekond’Awla tal-Qorti Civili li kienet ordnat li l-minuri jigu rikoverati fl-Istitut. Is-Sekond’Awla waslet ghal din id-decizjoni wara ezami akkurat tal-kaz u wara li semghet lil diversi persuni konnessi ma’ l-istess kaz kif jidher mill-ezami ta’ l-atti tas-Sekond’Awla ezibiti f’dan il-process.*” Tikkonsidra illi ma ngabux ragunijiet sufficjentement validi l-ghala ma ghandhiex issegwi l-parir lilha moghti mill-esperti addizzjonali minnha mqabbda u dana fl-interess suprem ta' l-istess minuri.

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha f'dan l-istadju tichad it-talbiet attrici kif dedotti f'dan ir-rikors fil-waqt li tirrizerva li tipprovdi dwar modalita' ta' access liz-zewg kontendenti fis-sentenza li sejra tinghata fil-kawza ta' separazzjoni ta' bejniethom b'dan illi sakemm tinghata din is-sentenza l-access ghandu jkompli jigi ezercitat kif inhuwa llum. Finalment fil-kaz tal-genituri tirrakkommanda u fil-kaz tat-tfal tordna illi ghandu jigi segwit il-*counselling* u *assessments* issuggerieti mill-periti addizzjonali ma' l-S.W.D.P. u fic-Child Development Assessment Unit. Ghal kull buon fini w ukoll f'dan l-istadju l-kura u kustodja tat-tfal minuri ghandha tkun fdata f'idejn is-Sorijiet ta' l-Ursolini ta' "Angela House".

L-ispejjes ta' dawn il-proceduri ghandhom jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.”

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

Minn dan id-digriet appellat l-attrici Mary Agius li talbet ir-revoka tieghu u bhala konsegwenza illi tafda f'idejha l-kura u kustodja tal-minuri Edwin, Kevin u Elenia. Hi tat diversi ragunijiet ghal din it-talba li din il-Qorti stante c-cirkostanzi ma tarax l-utilita' illi tirriproduci f'dan l-istadju stante li l-partijiet ittransigew il-kawza. Dan wara intervent taghha, anke permezz tas-servizzi ta' Miss Carmen Zammit, minnha nominata biex tinvestiga l-kaz u biex wara li tisma' lill-genituri u lil kull persuna ohra tirrelata verbalment quddiemha dwar jekk il-minuri kellhomx jew le jigu fdati f'idejn xi wahda mill-partijiet jew it-tnejn.

Fis-seduta tal-11 ta' Dicembru 2001 din l-espert irrelatat verbalment b'mod estensiv u komprensiv dwar x'kien l-ahjar interess tal-minuri. Hi rrelatat illi f'dan l-istadju "*It-tfal issirilhom hsara jekk ma jmorrux ma' l-omm jew ma' xi hadd mill-genituri u nahseb li jekk ikollha s-support tad-Dipartiment u anke mill-agenzija "Appogg" u anke minn dak tal-programm ta' "Darna" fejn hemm nies li anke jmorru jghinuhom*" ma kellux ikun hemm diffikulta' illi l-kura u kustodja ta' l-ulied minuri tithalla f'idejn l-omm. Miss Zammit ma kellhiex rizervi

dwar il-kapacitajiet ta' l-omm biex tiehu hsieb uliedha, pero' dana seta' jsir taht supervizjoni tad-Dipartiment "*u dak lesti li naghmluh u hi (l-omm) obbligat ruhha li jekk fil-kaz hekk tigi ordnata li taghmel hi lesta li taghmlu*". Miss Zammit ivverifikat ukoll illi l-missier kien pront illi jzomm it-tfal fil-*weekends* kif anke kienet lesta li zzommhom in-nanna, omm il-missier, u anke, fiz-zmien tal-vaganzi ghal zmien itwal. Il-Qorti allura rrakkommandat lill-kontendenti illi jaslu fi ftehim bonarju dwar il-forma ta' access li kellu jkollu l-missier skond il-linji traccati mill-espert.

B'nota konguntiva tal-partijiet ipprezentata fl-udjenza tal-21 ta' Dicembru 2001 gie registrat is-segwenti ftehim illi jirregola l-hinijiet ta' l-access tat-tfal minuri li kellu jkollhom il-genituri:

1. Waqt li t-tfal ikollhom l-iskola, huma jkunu ghand il-missier minn kull nhar ta' Gimgha fl-4.00 p.m. sal-Hadd fis-7.00 p.m.;

2. Meta t-tfal ikunu bil-vaganzi ta' l-iskola jkunu *weekend* ghand l-omm u l-*weekend* ta' wara ghand il-missier. Il-hinijiet meta t-tfal ikunu imisshom iqattghu l-*weekend*

mal-missier jibqghu l-istess ossia mill-Gimgha fl-4.00 p.m. sal-Hadd fis-7.00 p.m.;

3. Meta t-tfal ikun imisshom joqghodu *weekend* ghand il-missier u l-gurnata tat-Tnejn ta' wara tinzerta festa pubblika l-access tal-missier ma jintemmx il-Hadd fis-7.00 p.m. izda t-Tnejn fis-7.00 p.m.;

4. Waqt il-bqija tal-festi pubblici t-tfal jalternaw ghand il-genituri fis-sens illi fl-ewwel festa t-tfal ikunu ma' l-omm u fil-festa sussegwenti l-missier ikollu access matul dik il-gurnata bejn id-9.00 a.m. u s-7.00 p.m. Fl-ewwel festa li jmiss ikunu ma' l-omm.

Din il-Qorti tqis illi dan l-arrangament hu fl-interess tal-minuri u sejra tikkonfermah, salv naturalment id-dritt residwali tal-Qorti illi taghmel arrangamenti diversi jekk hekk ikun fl-interess tat-tfal fuq talba ta' xi wahda mill-partijiet jew anke ta' terz.

Din il-Qorti allura qieghdha tiddisponi mir-rikors ta' l-appell kif gej:

1. tiddegreta illi l-kura u kustodja tat-tfal minuri kellha tigi fdata f'idejn l-omm Mary Agius b'dan illi l-access tat-tfal kellu jkun regolat skond il-ftehim fuq espress li qed jigi inkorporat f'din id-decizjoni u jifforma parti integrali minnu. Fiz-zmien meta l-ulied ikunu mal-missier hu kellu l-kura taghhom skond il-ligi. Il-kura u kustodja tal-minuri kellha tkun taht is-sorveljanza tad-Dipartiment inkarigat mill-Harsien tat-Tfal bil-mod u sa fejn dan ikun hekk jidhirlu mehtieg, inkluz sa fejn hemm bzonn *monitoring* mis-Social Worker. Il-kontendenti huma obbligati illi jsegwu d-direttivi ta' l-ufficjali ta' dan id-Dipatiment u fejn mehtieg jirrikorru ghal direttiva tal-Qorti kompetenti.

L-ispejjez ta' din il-procedura jibqghu riservati ghal gudizzju finali. L-atti qed jigu rimessi lill-Ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni.

Deputat Registratur

rf.